MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2857/2002

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Mark Micallef**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Novembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u tmintax-il lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm318.52), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 04537 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Awissu 2001 u Mejju 2002;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Settembru, 2002, u bl-imghaxijiet sad-data tal-**

**pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda tal-PL Peter Sammut ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u tmintax-il lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm318.52), bl-imghaxijiet mill-25 ta' Settembru, 2002 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Settembru, 2002, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------